Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta tat-2 ta' Marzu, 2012

Talba Numru. 911/2011

**Mobisle Communications Ltd – C24655**

**vs**

**Antoine Farrugia – ID263573-M**

**It-Tribunal,**

Ra r-rikors li permess tieghu s-socjeta` attrici talbet illi l-konvenut ghandu jaghti lis-socjeta` attrici s-somma erba' mija u sitta u sebghin ewro u erbghin centezmu (€476.40c) in konnessjoni ma' servizzi resi akkont numru 51034042. Li interpellat diversi drabi sabiex jghaddi ghall-hlas il-konvenut baqa' ma inadempjenti u ghalhekk kellha issir din il-kawza kontra l-konvenut li huwa ingunt in subizzjoni.

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluz dawk ta' l-ittra ufficjali 27M3/2011

It-Tribunal ra d-dokumenti mehmuza ma' l-avviz u cioe` Dok "A" li huwa prospett relattiv ghall-akkont 51034042. Dok "B" *agreement penalty*; u Dok "C" kuntratt; Dok "D" estratt mir-Registru Elettorali: Dok "E" ittra ufficjali 2793/2011.

Ra illi l-konvenut debitament notifikat ma pprezentax risposta, madanakollu l-istess konvenut attenda ghas-smigh quddiem dan it-Tribunal fis-seduta tallum stess u ammetta t-talbiet kif dedotti kontrih.

Ghaldaqstant it-Tribunal jilqa' it-talba tas-socjeta` attrici u jikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-istess socjeta` attrici s-somma ta' erba' mija u sitta u sebghin ewro u erbghin centezmu (€476.40c) bl-imghax kif mitlub u bl-ispejjez kontra l-istess konvenut.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------